Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' Diċembru 2020**
**(OR. en)**

**13628/20**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2020/0074(NLE)**

**ACP 154**
**WTO 348**
**COLAC 73**
**RELEX 973**
**SERVICES 29**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 7899/20 + ADD 1 - COM(2020) 185 final |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp tal-CARIFORUM-UE tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward it-twaqqif ta' Kumitat Speċjali għas-Servizzi<br>- Adozzjoni |

1. Fit-8 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp tal-CARIFORUM-UE tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward it-twaqqif ta' Kumitat Speċjali għas-Servizzi.

2. Fl-24 ta' Novembru 2020, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP qabel fil-livell tiegħu dwar il-proposta b'emendi. Fir-rigward tal-Artikolu 2(b) tal-abbozz tad-Deċiżjoni Konġunta li tistabbilixxi Kumitat Speċjali għas-Servizzi, b'mod partikolari, il-Kummissjoni kkonfermat il-fehim konġunt li ntlaħaq mal-Membri tal-CARIFORUM li l-Protokoll III dwar il-Kooperazzjoni Kulturali għandu jiġi diskuss fl-intier tiegħu fil-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp biss.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:

– jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp tal-CARIFORUM-UE tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward it-twaqqif ta' Kumitat Speċjali għas-Servizzi, kif tinsab fid-dokumenti 13284/20 u 13287/20, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti;

– jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Ġurnal Uffiċjali;

– jordna li ladarba tiġi adottata d-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp tal-CARIFORUM-UE, din tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali;

– jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.